**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 01 ta' Lulju, 2020**

**Rikors Guramentat Nru: 982/2018 AF**

Wara l-Atti tal-Ittra Ufficcjali tas-
17 ta' Settembru 2018
3292/18

**Joseph Piccinino u David Piccinino**

**vs**

**V.M.C. Limited (C-42668)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' V.M.C. Limited li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Dan huwa Rikors a tenur tal-Art. 253(e) tal-Kodici ta' Procedura Civili fejn tigi opposta u ssir opposizzjoni ghall-esekuzzjoni tal-kambjalijiet esebiti.

L-Opposizzjoni qed issir ghal ragunijiet gravi u validi li jikkonsistu fis-segwenti:

a) Il-preskrizzjoni kwinkwennali tal-kambjali li skadew fil-31 ta' Dicembru 2011, fit-30 ta' April 2012, fil-31 ta' Awwissu 2012, fil-31 ta' Dicembru 2012, fit-30 ta' April 2013 u fil-31 ta' Awwissu 2013.

b) Minghajr pregudizzju ghall-premess, hemm difett fil-forma ghaliex il-kambjali mhux iffirmati mit-traent, cioè il-kredituri, imma biss accettati minn VMC Limited: kif jirrizulta – Vincent Kind v Carmelo Abdilla (XXXVIII.iii.675) regola approvata wkoll mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza Carmelo Mangion noe vs Angelo Xuereb noe deciza fil-5 ta' Ottubru 2001; dawn ma jistghux jikkwalifikaw bhala kambjali u ghalhekk ma tibqax aktar proponibbli din il-procedura.

Minghajr pregudizzju ghall-premess, anke jekk jigi ritenut illi d-dokumenti esebiti huma validi fis-sens li jitqiesu kambjali, hemm l-obbligazzjonijiet underlying, fir-retroscena li ma gewx onorati mir-rikorrenti Piccinino. L-esponenti qed jirriserva li jagixxi konsegwenti ghal inadempjenza ghal tali obbligazzjonijiet.

Minghajr pregudizzju ghall-premess, partikolarment ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, saru xi hlasijiet illi ghandhom jigu rifless fil-pretensjoni li fl-aghar ipotesi ghandha tkun anqas.

Salvi difizi ohrajn ohra u bir-riserva ta' kull dritt u azzjoni skond il-Ligi.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

Tissospendi l-esekuzzjoni tal-kambjalijiet fuq imsemmija esebiti mal-ittra ufficcjali *de quo* u jekk ikun il-kaz tidderigi lis-Sinjuri Piccinino sabiex imessu b'azzjoni kambjarja skond id-disposizzjonijiet tal-Kodici tal-Kummerc, dan kollu kif provdut fl-Art. 253(e) tal-Kap. 12.

Rat ir-risposta ta' Joseph Piccinino u David Piccinino li permezz tagħha eċċepew illi:

L-eccezzjoni riferibbli ghall-preskrizzjoni kwinkwennali hija nfondata fil-fatt u fid-dritt in vista li l-preskrizzjoni inkisret b'taghrif tal-jedd da parti tas-socjetà intimata.

L-allegazzjoni tad-difett fil-forma hija nfondata kemm fil-fatt u kemm fid-dritt kif jigi ppruvat waqt is-smigh tal-kawza.

L-ebda obbligazzjoni "underlying" kif issejhilha s-socjetà rikorrenti ma tista' tincidi qatt fuq esegwibilità tal-azzjoni kambjarja ghad illi l-kambjala hija dokument li jikkreja obbligazzjoni assolutament awtonoma minn kull obbligazzjoni ohra ghajr dik tal-hlas li tohrog mal-kambjala nnifisha.

Kull hlas li talvolta sar mis-socjetà rikorrenti u li jigi pprivat li sar ghandu jittiehed kont tieghu u mnaqqas mill-ammont reklamat.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi din hija proċedura ai termini tal-Artikolu 253(e) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, fejn kambjali jew *promissory notes* maħruġa skont il-Kodiċi tal-Kummerċ, Kap. 13, jitqiesu bħala titoli eżekuttivi sakemm il-Qorti kompetenti skont il-valur tal-kambjala jew *promissory note*, b'digriet li ma jkunx appellabbli, ma tkunx issospendiet l-eżekuzzjoni ta' dik il-kambjala jew *promissory note* kollha jew f'parti minnha u sew suġġett għall-garanzija kif ukoll mingħajrha, fuq rikors tal-persuna li tkun qed topponi l-eżekuzzjoni ta' dik il-kambjala jew *promissory note* kif fuq imsemmi, u li għandu jsir fi żmien għoxrin jum min-notifika tal-ittra uffiċjali li tintbagħat biex tirrendi l-istess kambjala jew

*promissory note* eżegwibbli.

Il-Qorti tqis illi din hija proċedura preliminari ta' verifika fejn hija tista' tordna s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' kambjala jew *promissory note* bħala titolu eżekuttiv f'każ li minn din il-proċedura preliminari jirriżulta *prima facie* li:

(i) il-firma fuq il-kambjala jew *promissory note* ma tkunx ta' min ikun qed jopponi għall-eżekuzzjoni tagħha jew tar-rappreżentant tiegħu; jew

(ii) li ikunu jeżistu raġunijiet oħra gravi u validi biex issir oppożizzjoni għal dik l-eżekuzzjoni.

F'każ li l-Qorti tordna s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-kambjala ai termini tal-artikolu 253(e), biex wieħed jeziġi l-ħlas tal-kambjala, dan ikun kostrett jipprocedi b'kawża skont id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Kummerċ.

Mill-atti jirriżulta li r-rikorrenti ġiet interpellata mill-intimati permezz ta' ittra uffiċjali li saret nhar is-17 ta' Settembru 2018 sabiex tħallas is-somma ta' €104,823 rappreżentanti bilanċ fuq import ta' disa' kambjali ta' €11,647 kull wieħed li skadew bejn il-31 ta' Diċembru 2011 u l-31 ta' Awwissu 2014. Din l-ittra uffiċjali saret a tenur tal-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12. Ir-rikorrenti pproċediet bir-rikors odjern sabiex ai termini tal-istess artikolu tal-liġi titlob is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-kambjali.

In linea ta' prinċipju ġenerali, kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet Giovanni Briffa vs Ronald Azzopardi, tal-5 ta' Frar 2008, dwar l-artikolu 253(e) tal-Kap. 12:

> "*Illi minn qari akkurat ta' l-imsemmi sezzjoni jidher car li hemm zewg bazi ghaliex l-ezekuzzjoni tal-kambjala tista' tigi sospiza u cioè li l-firma ma tkunx tal-persuna jew mandatarju taghha u sekondarjament fejn dik il-persuna tressaq ragunijiet ohra gravi u validi ghall-oppozizzjoni ta' l-ezekuzzjoni. F'dak il-kaz il-persuna li tezigi l-hlas tkun trid tipprocedi b'kawza skond id-dispozizzjoni tal-Kodici tal-Kummerc. Il-ligi ma tispecifikax x'inhuma r-ragunijiet gravi*

*u fil-fehma tal-Qorti dan ma sarx b'xi nuqqas tal-legislatur izda intenzjonatament ghax il-legislatur ried ihalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti f'liema kazijiet ikollha quddiemha l-Qorti ghandha tilqa' t-talba jew le. Certament li r-raguni valida m'ghandhiex tkun wahda frivola ghax kif tghid l-istess ligi hlief fil-kaz tal-firma r-raguni trid tkun gravi u valida u dan jaghmilha cara li persuna ma tistax kapriccozament topponi tali ezekuzzjoni.*

*Izda min-naha l-ohra l-legislatur ma eliminax ir-ricerka li ssir f'kawza skond id-dispozizzjonijiet tal-Kodici tal-Kummerc izda l-artikolu 253(e) u proviso tieghu gie rez bhala procedura (prima facie) diskrezzjonali f'idejn il-Qorti, bazat naturalment fuq ragunijiet validi u gravi. Huwa veru li mkien fil-ligi ma jinstab il-kliem prima facie izda kien ikun bla sens li l-Qorti tidhol fid-dettalji kollha tal-proceduri soliti meta hekk jew b'hekk dawk il-proceduri ma gewx eliminati mil-legislatur, b'mod li jirrendi l-applikazzjoni gusta tal-ligi tittiehed f'dan is-sens*."

Il-Qorti hija tal-fehma li tali raġunijiet gravi u validi ma jistgħux ikunu aktar ampji mir-raġunijiet maħsubin mil-liġi speċjali – il-Kodiċi tal-Kummerċ – biex iżommu milli kambjala titħallas. Lanqas ma hija tal-fehma li fi proċedura bħalma hija din tal-lum, il-Qorti tistħarreġ il-mertu ta' xi kwistjoni li tolqot is-siwi tal-kambjala nnifisha jew tal-obbligazzjoni li fiha titnissel, liema stħarriġ jidher li jmissu jsir f'kawża li titressaq speċifikatament għal dan il-għan.

Bejn il-partijiet jezisti *management agreement* dwar ħanut li jidher li huwa in parte proprjetà ta' terzi li jridu jirriprenduh. Claudio Muscat għan-nom tar-rikorrenti xehed illi fil-fehma tiegħu huma dovuti biss bejn €60,00 - €70,000 lill-intimati. Jidher li r-rikorrenti mhijiex disposta tonora l-kambjali għaliex ma tafx jekk hux ser titkeċċa mill-ħanut mis-sidien. Fil-fatt, Muscat xehed hekk:

"*Jekk inħallas ma nkunx nista' nitħallas lura. Jiena miniex inħallas sakemm jiġi deċiż xi dritt għandi nibqa' fil-ħanut...Jiena dispost inkompli nħallas meta tiġi deċiża l-kawża jekk jiena jkolli d-dritt nibqa' fil-post.*"

Ir-rikorrenti tikkontendi li l-kambjali 13 sa 17 huma preskritti. L-intimati laqgħu għal din l-eċċezzjoni billi eċċepew li kwalunkwe preskrizzjoni inkisret b'tagħrif tal-jedd da parti tar-rikorrenti.

Il-Qorti qiegħda tifhem li r-rikorrenti qiegħda tirreferi għall-Artikolu 542 tal-Kap. 13, fejn jingħad li l-azzjonijiet li ġejjin minn kambjali jew minn biljetti negozzjabbli jew *promissory notes* jaqgħu bil-preskrizzjoni wara ħames snin minn dakinhar li jagħlqu. Il-kambjali 13 sa 17 kollha għalqu qabel Settembru 2013 u l-ittra ufficcjali in kwistjoni saret f'Settembru 2018.

M'hemmx dubju li minkejja li l-liġi titkellem fuq preskrizzjoni, l-intenzjoni tal-leġislatur kienet waħda u ċioè li t-terminu ikun dak ta' dekadenza u allura d-dritt ta' azzjoni jintilef kemm il-darba din ma tiġix istitwita entro t-terminu prefiss mill-liġi. Dan jirrizulta minn dak dispost fl-artikolu 541 tal-istess Kodiċi li jipprovdi li '*iż-żminijiet kollha stabiliti b'dispożizzjoni ta' dan il-Kodiċi ghall-eżerċizzju ta' azzjonijiet jew regressi li gejjin minn atti kummercjali huma perentorji, u l-beneficcju tar-restitutio in integrum bis-saħħa ta' titolu, motiv jew privilegg li jkun, ma jghoddx.*'

Il-kwistjoni tan-natura tat-terminu ta' ħames snin għall-eżerċizzju ta' azzjoni naxxenti minn kambjala ġiet trattata fis-sentenza fl-ismijiet Carmel Grech vs Philip Degiorgio et, deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Marzu 2014:

> "*Il-preskrizzjoni ta' l-azzjoni kambjarja hija regolata mill-Kodici tal-Kummerc (ara Orlando Crescimano vs Mirabita), u taqgha perenta bid-dekors ta' hames snin mid-data tal-maturità taghha (ara Barbara vs Ciantar, Kummerc, 8 ta' Awissu 1876; u Galea vs Gabriele, Appell 26 ta' Marzu 1915). L-azzjoni kontra d-debitur tista' tigi ezercitata fi kwalunkwe zmien sakemm l-azzjoni kambjarja tiskadi (ara Dr. Vella vs Hon. Darmanin, Kummerc, 28 ta' Novembru 1899).*"

Għalkemm il-prinċipju msemmi ġie enunċjat fil-kuntest ta' *actio cambiaria*, din il-Qorti ma għandhiex dubju li l-istess għandu japplika anke fil-każ tal-proċedura kontemplata fl-Artikolu 253(e) tal-Kap.12 biex kambjala, meqjusa bħala titolu eżekuttiv

a tenur tal-istess artikolu, tiġi reża esegwibbli. B'hekk, l-att ġudizzjarju biex kambjali jiġu reżi esegwibbli għandu jiġi ppreżentat fi żmien ħames snin minn meta il-kambjali in kwistjoni jagħlqu u jsiru dovuti.

Jirriżulta ċar li, kif korrettament pretiż mir-rikorrenti, l-ittra ufficcjali li saret a tenur tal-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12 ma ġietx presentata entro t-terminu perentorju ta' ħames snin prefiss fl-Artikolu 542 tal-Kap. 13 u għalhekk, hija l-fehma ta' din il-Qorti li tirriżulta raġuni gravi u valida biex tiġi sospiża l-eżekuzzjoni tal-kambjali 13 sa 17.

Jibqa' għalhekk il-kambjali numru 18 sa 21. Ir-rikorrenti tgħid ukoll li hemm difett fil-forma għaliex dawn il-kambjali mhumiex iffirmati mit-traent. L-intimati Piccinino jeċċepixxu li l-allegazzjoni ta-difett fil-forma hija infondata. Dwar dan l-argument, ir-rikorrenti ma ġabet l-ebda prova u l-Qorti ma jirriżultalhiex minn dak li jidher fuq dawn il-kambjali li hemm xi firma nieqsa. Ir-rikorrenti lanqas ma ġabet prova dwar xi ħlas li allegatament sar u allura lanqas dan l-argument ma jikkostitwixxi raġuni tajba sabiex il-Qorti tissospendi l-eżekuzzjoni tar-rimanenti kambjali.

Finalment, ir-rikorrenti tilmenta li l-*causa obligationis* ma kinetx onorata mill-intimati. Mill-provi mhuwiex ċar xi trid tfisser ir-rikorrenti b'din l-eċċezzjoni iżda jidher li hija qiegħed tirreferi għall-allegazzjoni li tinsab mhedda bl-iżgumbrament mill-ħanut li dwaru għandha *management agreement* mal-intimati, liema *management agreement* jidher li huwa n-negozju li wassal sabiex saru dawn il-kambjali.

Fil-kuntest tal-awtonomija o meno tal-kambjala mill-*causa obligationis* fl-*actio cambiaria,* il-Qorti tirreferi għad-deċiżjoni mogħtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawża Bank of Valletta p.l.c. vs Carmel Ray Micallef, tat-18 ta' Frar 2004, fejn il-Qorti ddistingwiet bejn kambjala li tkun ġirata u kambjala li tibqa' fil-patrimonju tal-kredituri. Effettivament kienet qed tirreferi għad-deċiżjoni tagħha stess fil-kawża mogħtija sena qabel fl-ismijiet John Giordmaina et vs Joseph Pace, tas-16 ta' Jannar 2003, fejn kienet irriteniet illi sabiex kambjala tassumi eżistenza awtonoma mill-obbligazzjoni

oriġinali li tat lok għalilha, din trid tkun ġirata favur terzi:

> *"…meta kambjala tibqa' fil-patrimonju tal-kredituri tal-obbligazzjoni (cioè ma tiġix ġirata), ma takkwistax natura awtonoma indipendenti mill-obbligazzjoni li tat lok għall-istess kambjala. Fil-fehma ta' din il-Qorti, hu biss meta l-kambjala tkun ġirata li din takkwista valur "on the face of it", u allura ikun dipendenti fuq dak li joħroġ u jidher mill-kambjala stess. Kambjala, kif inhu magħruf, ma toħloqx novazzjoni, meta tibqa' f'idejn il-parti kontraenti ma tistax tiġi distakkata mill-obbligazzjoni originali..."*

Il-Qorti irriferiet għall-artikoli 197 u 198 tal-Kap. 13 fejn il-liġi tiddistingwi bejn l-eċċezzjonijiet li jistgħu jitressqu f'azzjoni kambjarja meta l-kambjala tkun ġirata u meta ma tkunx:

> *"197. L-eċċezzjonijiet li huma personali għall-ġiranti ma jistgħux jingħataw kontra l-pussessur ta' kambjala.*
>
> *198. (1) L-eċċezzjonijiet li huma persunali għall-pussessur tal-kambjala ma jistgħux idewmu l-ħlas tagħha, jekk ma jkunux likwidi u li jistgħu jinqatgħu malajr fil-kawża li tkun miexja.*
>
> *(2) Jekk dawn l-eċċezzjonijiet ikunu jinħtieġu eżami fit-tul, is-smigħ tagħhom isir f'kawża għaliha, u, sadanittant, il-kundanna għall-ħlas tal-kambjala, bil-garanzija jew mingħajrha, skont ma jidhrilha l-qorti, m'għandhiex tkun imdewma."*

Il-Qorti ddistingwiet bejn il-'fażi kuntrattwali' – meta l-kambjala ma tkunx ġirata - u l-'fażi kambjarja' – meta tkun ġirata:

> *"Fi kliem ieħor, jekk kambjala tkun ġirata mill-ewwel benefiċjarju (payee) li hekk isir ġiranti, favur terz pussessur, u dan it-terz pussessur jiftaħ azzjoni kambjarja kontra t-traent, it-traent-konvenut ma jistax jagħti kontra l-pussessur-attur eċċezzjonijiet li huma personali għall-ġiranti. Ir-raġuni hija ovvja: bejn it-traent u l-pussessur ma hemmx relazzjoni kuntrattwali, iżda biss relazzjoni kambjarja. Dan ifisser, contrario sensu, li eċċezzjonijiet*

> *personali għall-pussessur (u mhux personali għall-ġiranti biss) jistgħu jingħataw. Fi kliem ieħor, jekk il-kambjala ma tkunx ġirata (u għalhekk tkun għadha fil-fażi kuntrattwali u ma tkunx daħlet fil-fażi kambjarja) it-traent-konvenut jista' jagħti kontra l-benefiċjarju-attur eċċezzjonijiet personali għalih."*

Madanakollu, anke jekk il-liġi tiddistingwi bejn kambjali li ġew ġirati u kambjali li jkunu għadhom fil-pussess tal-kredituri tal-obbligazzjoni, l-istess liġi tillimita sew l-eċċezzjonijiet li jistgħu jitressqu. Fil-każ ta' Charles Gatt noe vs Joseph Vassallo Gatt noe, tal-15 ta' Novembru 1993, il-Qorti tal-Kummerċ iddistingwiet bejn l-obbligazzjoni '*ad hoc*' li toħroġ mill-kambjala nnifisha u l-obbligazzjoni li setgħet ippreċedietha:

> "*Illi r-raġuni ġuridika tal-prinċipju bażiku li eċċezzjonijiet li jinħtieġu indaġini fit-tul ma jiġux ikkonsiderati f'azzjoni kambjarja, toħroġ mill-fatt li, appena kambjala tiġi ammessa, tiġi kkreata obbligazzjoni "ad hoc", għal kollox indipendenti u separata minn kwalunkwe obbligazzjoni li setgħet ippreċedietha. <u>Għalhekk f'kawża bħal din, l-eċċezzjonijiet ammissibbli huma ġeneralment limitati għall-kambjala nnifisha u bħala regola m'għandhomx jiġu permessi eċċezzjonijiet li jikkonċernaw obbligazzjonijiet preċedenti</u>.*" (enfasi ta' din il-Qorti).

Il-Qorti, b'riferenza għall-artikolu 198 tal-Kap. 13, irriteniet li huwa evidenti li l-leġislatur jrid li kawżi bbażati fuq kambjali jitmexxew u jiġu deċiżi b'ħeffa insolita u għalhekk huma biss ammissibbli eċċezzjonijiet li ma jinħtiġux eżami fit-tul:

> "*Huma biss ammissibbli eċċezzjonijiet li jkunu ta' faċli soluzzjoni. Eċċezzjonijiet li jinħtieġu eżami fit-tul ma jistgħux jingħataw u jekk dawn jingħataw dawn ma jiġux ikkonsiderati u deċiżi fl-istess kawża kambjarja, billi diversament il-kanonizzazzjoni u l-ħlas tal-import tal-kambjali jkun konsiderevolment ittardat u mtawwal. Dan mhux permess għax altrimenti jintilef l-iskop kollu tal-istitut kambjarju li hu li jaġevola ċ-ċirkostanzi mgħaġġla tal-krediti kummerċjali.*"

Hekk ukoll, fil-kawża Adrian Busietta noe vs Marco Attard, tad-9 ta' Frar 2001, il-Qorti tal-Appell irriteniet illi:

> "*Tant hija awtonoma u indipendenti l-azzjoni kambjarja mill-obbligazzjoni li oriġinat min-negozju li ta lok għall-ħruġ tagħha, li l-ligi stess, tirrestrinġi l-eċċezzjonijiet li setgħu jingħataw f'azzjoni għall-pagament tagħha*."

Il-limitazzjoni fuq l-awtonomija tal-kambjali (ukoll dawk mhux ġirati) tidher li tapplika wkoll f'sitwazzjonijiet li jaqgħu taħt l-artikolu 253(e) tal-Kap. 12.

Din l-istess Qorti, kif presjeduta, fis-deċiżjoni tagħha fil-kawża fl-ismijiet Tal-Herba Construction Ltd vs SMW Cortis Ltd et, tas-7 ta' Novembru 2013, fil-fatt iddikjarat illi:

> "*Hija minħabba din l-awtonomija li l-liġi tipprovdi biss għas-sospenzjoni tal-eżekuzzjoni f' każ biss ta' raġunijiet gravi. Fil-każ in eżami, għalkemm il-Qorti tifhem li jistgħu jeżistu pendenzi oħra bejn il-kontendenti, ma jirriżultawx illi hemm raġunijiet ta' dik il-gravità li jwassu 'l Qorti xxellef dik l-awtonomija tal-kambjala intiża biex tħaffef il-ħlas tal-istess kambjala.*"

Finalment, fil-kawża Daniel Zerafa pro et noe vs 240 Contracting Ltd gia Allfix Ltd, tad-19 ta' Settembru 2013, din il-Qorti diversament presjeduta kkunsidrat x'jista' jikkwalifika bħala raġunijiet 'gravi u validi' biex titwaqqaf l-eżekuzzjoni tal-kambjali taħt l-artikolu 253(e):

> "*…wieħed irid iżomm f'moħħu li din il-proċedura tirreferi għal titoli eżekuttivi u t-tifsira għall-eċċezzjoni kontra l-eżekuttività tal-istess titoli ma tridx tkun waħda wiesgħa li ġġib fix-xejn l-effetti ta' titoli bħal dawn. Huwa għalhekk li l-liġi ssemmi raġunijiet "gravi u validi" biex twaqqaf l-eżekutivita` tagħhom, fejn dan jitħalla jsir. It-twaqqif tal-eżekuzzjoni ma jridx jitħallat mal-kwistjoni tas-siwi tal-kambjala jew ma' raġuni għat-tħassir tagħha, liema eżerċizzju ma jsirx taħt il-proċedura maħsuba fl-Artikolu 253(e) tal-Kapitolu 12, iżda b'kawża mressqa bil-mod ordinarju għal dak il-għan. Għalhekk, per eżempju, jidher li*

*jekk kemm-il darba jintwera mad-daqqa t'għajn li l-kambjala tkun inħarġet bi vjolenza fuq il-persuna li ġibditha jew jekk tkun saret għal għanijiet li jiksru xi liġi, dawn iċ-ċirkostanzi jistgħu jitqiesu bħala "gravi" biex iservu ħalli titwaqqaf l-eżekuzzjoni tagħhom, sakemm l-azzjoni għat-tħassir tal-istess kambjali tkun tista' titressaq u tkun mistħarrġa minn qorti. Hekk ukoll hija raġuni tajba għaż-żamma tal-eżekuzzjoni ta' kambjala fejn l-intima bl-ittra ġudizzjarja ssir kontra persuna li ma tidher imkien fuq l-istess kambjala, jew fejn il-kambjala tkun inħarġet bla ma jissemma l-kreditur tagħha."*

Din il-Qorti wara li qieset il-ġurisprudenza rilevanti u ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ qiegħda tasal għall-konklużjoni li ma teżisti l-ebda raġuni gravi u valida li tiġġustifika s-sospenzjoni tal-eżekuzzjoni tal-kambjali 18 sa 21.

Il-Qorti tqis li l-kambjali in kwistjoni inħarġu validament u regolarment, mingħajr vjolenza, mingħajr xi għan illegali. Ir-rikorrenti ma ġabet l-ebda prova dwar x'inhi l-obligazzjoni li allegatament ma onorawx l-intimati. Fuq kollox, mhux l-intimati qeghdin jinsistu ghall-izgumbrament mill-fond. Għaldaqstant, fil-fehma tal-Qorti, dawn il-kambjali għandhom jiġu esegwiti.

Jibqa' bla mittiefes kull dritt li jista' jkollha r-rikorrenti fir-rigward tal-ftehim ossia *management agreement* bejn il-partijiet, dwar liema dritt din il-Qorti ma tistax tippronunzja ruħha.

Għaldaqstant, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' t-talba tar-rikorrenti limitatament billi tordna s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-kambjali bin-numru 13 sa 17 imsemmija fl-ittra uffiċjali bin-numru 3292/2018 preżentata nhar is-17 ta' Settembru 2018 u tiċħad it-talba tar-rikorrenti għal dak li għandu x'jaqsam mal-kambjali bin-numru 18 sa 21.

L-ispejjeż ta’ dawn il-proċeduri jitħallsu kwantu għal nofs mir-rikorrenti u nofs mill-intimati Piccinino.

IMHALLEF

DEP/REG